# Ħarsa Ħafifa lejn l-Iżvilupp tal-Knisja ta' Ħaż-Żebbuġ: mill-Bidu sa Wara l-1900

■ **Kitba ta' Philip Ellul**

Dokumenti antiki juru biċ-ċar li, sa qabel l-1380, ma kienet teżisti ebda knisja ġo Ħaż-Żebbuġ. Jingħad li ċertu Guliermo Mamo, li kien jgħix fl-inħawi llum magħrufa bħala *Ta' Mamo*, kien dejjem isostni li l-knisja li kienet tinsab fiż-żona tal-Gandlora, li llum il-ġurnata m'għadhiex teżisti, kienet 'il bogħod wisq minn fejn kien joqgħod hu, u allura kien normalment jattendi fil-knisja ta' Ħal Qormi. Għaldaqstant, ittieħdet deċiżjoni li tinbena knisja fiċ-ċentru tat-tlett irħula ta' Ħal Mula, Ħal Muxi u Ħal Dwin.

Din il-knisja ġdida nbniet permezz tal-ġenerożità ta' ċertu Filippu, negozjant minn Sqallija. Dan Filippu kien iżżewweġ għand il-familja Mamo, u kien hu li offra l-ġnien tad-dar tiegħu biex ikun il-post li fih din il-knisja tkun tista' tinbena. Filippu nsista li din ghandha tkun iddedikata lil San Filep ta' Aġira. Dan kollu seħħ fis-sena 1380. Il-knisja nbniet fl-istess post li fih illum tinsab dik preżenti.

Il-knisja li nbniet fis-seklu erbatax baqgħet wieqfa sa, bejn wieħed u ieħor, mitejn u ħamsin sena wara. Fl-istess żmien li fih din l-ewwel knisja kienet qed tinbena, Filippu l-Isqalli offra wkoll dar oħra biex tkun tista' tintuża mill-kappillan tar-raħal. Din id-dar inbniet fl-istess post li fih wieħed isib id-dar parrokkjali preżenti, għalkemm din kienet ġiet mibnija mill-ġdid fl-1636 u, minn dakinhar 'l hawn, baqa' jsir xi tibdil fiha minn żmien għall-ieħor.



Fl-1436, il-Monsinjur Senatore de Mello wasal Malta biex iservi bħala Isqof tal-gżira. Huwa waqqaf kummissjoni biex tieħu ħsieb l-iżvilupp tal-knisja f'Malta. Nhar is-Sibt 5 ta' Frar 1575, Monsinjur Duzzina żar il-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ. Huwa ċċelebra quddiesa li fiha saret priedka mill-kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Federik Attard, minħabba li l-Monsinjur ma kienx jaf jitkellem bil-Malti. Il-knisja ta' dan iż-żmien kienet mibnija fuq disinn li jixbaħ lil ta' dik preżenti.

Il-knisja kien fiha tnax-il artal iddedikati lil numru ta' qaddisin differenti. Monsinjur Duzzina kien ordna li kellu jsir tabernaklu fl-artal maġġur, kif ukoll li kellha titqiegħed lampa tixgħel quddiemu. Matul il-viżta tiegħu, Mons. Duzzina żar ukoll tlieta u għoxrin kappella li kienu mifruxin

madwar il-kampanja Żebbuġija. Uħud minn dawn il-kappelli kienu antiki ħafna u fi stat ta' deġenerazzjoni liema bħalu, tant li wħud lanqas biss kellhom bibien. Fil-fatt, Mons. Duzzina ordna li xi kappelli minn dawk li żar kellhom jingħalqu u ma jintużawx aktar.



*Il-knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ qabel ma nbnew in-navi fil-bidu tas-Seklu XX. Il-mixi u l-ġarr bil-karettun kienu komuni ħafna. Jidhru l-ewwel turġien tal-Knisja San Filep.*

Fil-11 ta' Lulju 1621 ġie mogħti l-permess mingħand l-Isqof Baldassare Cagliares biex jingħata bidu għall-bini tal-knisja l-ġdida. F'dan il-perjodu, il-kappillan ta' Ħaż-Żebbuġ kien Dun Ludovik Vassallo. Il-knisja l-qadima kienet tħalliet f'postha waqt li kien għaddej ix-xogħol fuq dik ġdida. Din ta' l-aħħar, mibnija fuq stil essenzjalment Doriku, tlestiet fis-sena 1632 u kienet iddisinjata mill-arkitett magħruf Tumas Dingli. Is-sena tat-tlestija tidher imnaqqxa fuq tieqa li tinsab fin-naħa tal-Lvant tal-koppla. Il-knisja ġiet ippjantata f'forma ta' salib, magħmul minn tliet arkaturi ewlenin. F'dak iż-żmien li nbniet, kienet it-tielet l-akbar knisja f'Malta fil-wisa', u l-ħames l-akbar fit-tul.

Biex il-knisja l-ġdida u l-inħawi ta' madwarha jitlestew kif kien ġie ppjanat, f'Settembru ta' l-1660 inxtrat biċċa art li kienet tinsab fuq wara tal-knisja. Fl-1679, il-Kappillan Dun Duminku Pace wera x-xewqa li jkun hemm pjazza faċċata tal-knisja. Għaldaqstant, fi Frar u April ta' l-1680, u f'Settembru u Novembru ta' l-1684, il-Knisja xtrat xi art jew bini sabiex din il-pjazza tkun tista' ssir u titlesta. Kien fis-sena 1686 meta dan il-proġett kien finalizzat, u biex iż-Żebbuġin jibqgħu jiftakru dan l-avveniment, inbniet kolonna li kellha salib fil-parti ta' fuq tagħha. Din l-istess kolonna, magħrufa miż-Żebbuġin kollha bħala *s-Salib*, għadha tinsab fiċ-ċentru tal-pjazza sal-ġurnata tal-lum.

Aktar ma beda għaddej iż-żmien, u s-snin komplew igerrbu, il-popolazzjoni ta' Ħaż-Żebbuġ baqghet toktor b'mod kostanti. Dan wassal liż-Żebbuġin biex jibdew jirrealizzaw li l-knisja kienet saret żgħira wisq biex tkun tista' takkomoda lin-nies kollha tar-raħal, għalkemm kienet titqies, kif diġà ntqal, bħala waħda mill-ikbar knejjes f'Malta. Bdew isiru diversi tentattivi sabiex jinbeda fond li fih jinġabru l-flus ħalli jkunu jistgħu jintużaw għall-bini tan-navi fil-knisja. Kien fis-sena 1913 meta deher li kienu nġabru biżżejjed flus sabiex il-proġett tal-bini tan-navi jkun jista' jingħata bidu.

L-Arċipriet Dun Albert Dalli kien l-ixprun li wassal biex dan il-proġett pjuttost ambizzjuż jitlesta. Ix-xogħol kollu sar taħt is-superviżjoni tal-Perit Edwin Vassallo. Ħafna Żebbuġin ta' kull età ħadmu kemm felħu, anke fil-Ħdud u fil-festi, sabiex in-navi jitlestew kemm jista' jkun malajr. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-ħaddiema, offrew il-ħidma tagħhom mingħajr ebda ħlas, filwaqt li daħlu b'ruħhom u b'ġisimhom biex iwettqu x-xewqa li kellu kull Żebbuġi, jiġifieri li l-knisja titkabbar. Fil-fatt, din ix-xewqa saret realtà fis-sena 1918, meta x-xogħol kollu kien tlesta. Din kienet l-istess sena li fiha miet Dun Albert Dalli, l-arċipriet li tant kien ħadem u stinka biex il-proġett tan-navi jkun jista' jsir u jitgawda miż-Żebbuġin kollha.